MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2004

Appell Civili Numru. 159/2002/1

**Waldorf Car Hire Limited**

**vs**

**Habitat Limited**

**Il-Qorti,**

Fil-25 ta' Frar, 2003 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat l-4 ta' Marzu tas-sena 2002 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, sitt mija u wiehed u disghin Lira Maltija (Lm2,691.00,0), rappresentanti differenza tat-taxxa tar-registrazzjoni pagabbli lill-Awtoritajiet Kompetenti fir-rigward tal-kirja tal-vettura Alfa Romeo 156, bin-numru ta' registrazzjoni JAK-572 lilha mikrija mis-socjeta' attrici;

2. Bl-imghax legali u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 7 ta' Dicembru tas-sena 2001 kontra s-socjeta' konvenuta li r-rapprezentanti guridici taghha huma ngunti minn issa ghas-subizzjoni;

Rat in-nota datata l-5 t'April tas-sena 2002 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta eccepiet is-segwenti:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li t-taxxa tar-registrazzjoni pagabbli lill-Awtoritajiet kompetenti huma dovuti mis-socjeta' attrici bhala l-propjetarji tal-vettura Alfa Romeo 156, bin-numru tar-registrazzjoni JAK-572 u dan kif inhu ukoll enunciat fl-Artikolu 11 (3) tal-Kap 368 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kirja tal-karozza in kwistjoni hija regolata minn skrittura privata bejn il-kontendenti datata 19 ta' Novembru ta' l-1999, (Dok H1), liema ftehim ma jistipulax dwar il-kwistjoni in materja;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura in dizamina tista' tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi wara li Mariella Scerri ghall-Habitat Limited informat lis-socjeta' attrici li riedet tikri vettura tal-marka Alfa 156.2 4 JTD ta' kulur "silver" u bin-numru ta' registrazzjoni "K" l-istess socjeta' ikkonkretizzat din it-talba permezz tal-kuntratt datat id-19 ta' Novembru ta' l-1999, (ara fol 15);

2. Illi sussegwentement il-vettura de quo giet registrata regolarment u inghatat in-numru JAK-572;

3. Illi l-perjodu ta' kirja miftiehem kien ghall-hames (5) snin;

4. Illi fis-sena 2000 inbidlet il-ligi u konsegwentement vetturi li kellhom in-numru ta' registrazzjoni bl-ittra "K" kellhom issa jhallsu d-differenza li qabel kienu jiffrankaw;

5. Illi meta s-socjeta' attrici infurmat b'dan lis-socjeta' konvenuta din ta' l-ahhar irrifjutat;

6. Illi r-rapprezentanti tas-socjeta' konvenuta sostniet li hi ma kienitx taf b'dan u baqghet tinsisti li tirrifjuta t-talba attrici, (ara fol 41);

7. Illi ghalhekk kellha tittiehed din il-procedura;

Ikkunsidrat:

Illi hu pacifiku fl-ordinament legali taghna li "injoranza iuris neminem excusat" u konsegwentement is-socjeta' konvenuta ma tistax issostni dak li sostniet il-"managing director" u firmatarja unika taghha fid-deposizzjoni guramentata taghha datata l-14 ta' Novembru tas-sena 2002 gia fuq riferit a fol 41, senjatament illi:

"…..Jiena ma kontx naf bit-tibdiliet fil-ligi";

Illi r-renju tad-dritt jirrikjedi li kull membru tas-socjeta' joqghod ghal dawn il-ligijiet emanati minn zmien ghal zmien, hafna drabi anke jekk ghal xi raguni jew ohra ma joghgbuniex;

Illi r-rimedju prospettat zgur mhux dak indikat mis-socjeta' konvenuta;

Illi t-talbiet attrici huma ghalhekk mhux biss legittimi izda konkretament ibbazati fuq il-kuntratt de quo;

Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta takkolji t-talbiet attrici u konsegwentement:

1. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta Habitat Limited thallas lis-socjeta' attrici Waldorf Car Hire Limited l-ammont ta' elfejn, sitt mija u wiehed u disghin Lira Maltija (Lm2,691.00,0), ghar-ragunijiet espressi fl-avviz odjern;

2. Tikkundanna wkoll lill-istess socjeta' konvenuta thallas l-ispejjez kollha nvoluti f'din il-procedura inkluzi l-imghax dovuti mill-ittra ufficcjali tas-7 ta' Dicembru tas-sena 2001."

Is-socjeta` konvenuta appellat minn din id-decizjoni u talbet ir-revoka taghha bl-aggravji hawn kompendjati:-

1. In-nullita` tas-sentenza stante li ma nghatat l-ebda ndikazzjoni tal-motivi li nducew lill-ewwel Qorti tichad l-eccezzjonijiet taghha. Tilmenta f'dan il-kuntest illi l-Qorti adita naqset milli tokkupa ruhha milll-kwestjoni jekk it-taxxa kienetx inkombenti fuqha qua kerrejja, jew fuq sid il-vettura u dwar l-effett tal-istess taxxa fl-ambitu tal-kuntratt. Tissottometti wkoll illi l-Qorti naqset milli tikkonsidra l-kwestjoni tal-karenza ta' l-interess guridiku fis-socjeta` attrici, avvenut il-bejgh tal-vettura.

2. In konsegwenza ta' dawn l-aspetti tal-aggravji l-istess socjeta` appellanti tenfasizza dawn il-punti:-

(a) Skond l-Art 11(3) tal-Kap 368 il-hlas tat-taxxa 'de quo' kellu jsir minn sid il-vettura mikrija lilha;

(b) L-iskrittura bejn il-kontendenti tad-19 ta' Novembru 1999 ma kienetx tahseb ghall-kontingenza in kwestjoni;

(c) Il-kwestjonijiet bejn il-partijiet kontraenti gew saldati meta hi tterminat il-kirja;
(d) Il-bejgh tal-vettura mis-socjeta` attrici wassal biex din ma kien baqala' l-ebda nteress guridiku.

Il-fatti f'dan il-kaz ma humiex in kontestazzjoni u jinsabu sufficcjentement indikati fis-sentenza appellata.

Dak li nvece hu kontestat mis-socjeta` appellanti, bhala punt ta' tluq ta' l-aggravji taghha fir-rigward tas-sentenza appellata, hi l-akkuza taghha illi din kienet nieqsa minn motivazzjoni adegwata u dan kien iwassal ghan-nullita` tas-sentenza.

Certament ma jistax ikun dubitat illi kull tribunal ghandu, b'obbligu kostituzzjonali u konvenzjonali, jimmotiva d-decizjoni tieghu specjalment meta din tkun tali li b'xi mod tiddetermina d-drittijiet u l-obbligi civili tal-individwi, kif zgur kien hawnhekk il-kaz, bl-imposizzjoni ta' taxxa gdida u tal-hlas dovut taghha. Wiehed ghalhekk jistenna li fid-decizjoni tinghata, bhala essenza tal-gudizzju, il-minimu tar-raguni li tkun inducient lill-gudikant jasal ghad-decizjoni tieghu. Dan hu dak li wara kollox jirrekjedi l-Art 218 tal-Kap 12. Tajjeb pero` li jigi precizat u sottolinejat illi dan ma jfisserx illi t-tribunal kellu jimmotiva d-decizjoni tieghu b'riferenza u definizzjoni ta' kull punt ta' fatt jew ta' dritt sottomessi lilu. Kien jibbasta li fil-parti razzjonali tas-sentenza tinghata, tajjeb jew hazin, ir-raguni ghaliex il-meritu tal-vertenza kien qed jigi konsiderat u deciz kif fil-fatt gie deciz.

Fil-kaz in ezami, fil-fehma ta' din il-Qorti, s-sentenza attakkata kienet tissodisfa l-element ta' motivazzjoni bazika li s-socjeta` appellanti kellha dritt ghaliha, anke jekk hi issa ma tridx toqghod ghaliha u qed tikkritikaha. Tezisti certament differenza bejn assenza kompleta ta' motivazzjoni u l-adoperu ta' motivazzjoni ghalkemm b'ragonament zbaljat. Wiehed jista' gustament jikkontrasta dan ir-ragonament b'argomenti konvincenti izda ma jistax jikkritika l-fatt illi s-sentenza mhiex ritwali jekk fih ikun inghata l-minimu tal-motivazzjoni. Dan l-ewwel aggravju qieghed ghalhekk jigi respint.

Epurat dan l-aggravju, jista' forsi jinghad li l-qofol tal-vertenza jikkonsisti sostanzjalment fl-interpretazzjoni li trid tinghata lill-kuntratt ta' ftehim bejn il-kontendenti u l-interpretazzjoni tat-taxxa gdida ntrodotta u kif din taffetwa r-rapport bejn il-partijiet.

Mill-kuntratt ta' ftehim datat 19 ta' Novembru 1999 (fol 15) jirrizulta illi s-socjeta` appellanti kriet minghand is-socjeta` appellata, u wara rikjesta taghha stess, vettura Numru ta' Registrazzjoni JAK-752 ghall-perijodu ta' hames snin. Inter alia, klawsola 10 tal-istess ftehim kienet tipprovdi illi f'kaz ta' awment fir-rata tal-VAT jew ta' imposizzjoni ta' taxxi godda konnessi mal-uzu tal-vetturi, l-lokatur kellu d-dritt jawmenta r-rata tal-affitt tal-vettura.

Gara li fil-kors tal-kirja l-Gvern introduca taxxa ta' registrazzjoni ghall-vetturi registrati ghal ghanijiet ta' leasing fil-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 1998 sal-31 ta' Dicembru 2000. Din it-taxxa sabet postha b'introduzzjoni tat-Tielet Skeda operattiva bl-Att IX ta' l-2001 ghall-Att X principali ta' l-1994 dwar "Taxxa tar-Registrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur". Jinghad testwalment f'din l-istess skeda illi r-rati fiha kontemplati "ghandhom jithallsu minn min ikun kera l-vettura bil-mutur" registrati ghal skop ta' kera fil-kors tal-perijodu precitat.

Is-socjeta` appellata offriet tliet opzjonijiet lis-socjeta` appellanti li l-ebda wahda minnhom ma giet accettata jew maqbula, u in segwitu s-socjeta` appellanti ghaddiet biex tadopera ruhha mill-klawsola tlieta (3) tal-ftehim u tittermina l-kuntratt. Ara xhieda ta' Antoinette Galea (fol 10) u ta' Mariella Scerri (fol 31).

Dan premess, din il-Qorti, bla ezitazzjoni ta' xejn, ma taqbelx ma' l-interpretazzjoni li s-socjeta` appellanti taghti lill-fatti suesposti. Dan ghaliex hu aktar minn car illi l-portata u l-estensjoni tal-patt tal-ftehim in ispecje kien manifestament jahseb ghall-fatt ta' impost ta' taxxi godda. Lanqas ma jezisti ebda dubbju jew ekwivoku fl-interpretazzjoni li trid tinghata lill-kliem espressament cari tat-Tielet Skeda tal-Kap 368. Anke kieku stess seta'

ghall-grazzja tal-argoment kien hemm xi dubbju kif drabi ohra inghad “la interpretatione delle leggi fiscali, anche nel dubbio, dev’essere quella letterale e non necessariamente quella piu` benigna al contribuente, ne` possono sempre le leggi tributarie interpretarsi colle regole di diritto comune” (**Kollez Vol XXVIII pI p523**).

Irid jinghad ukoll illi “ghad li hu veru in generali li l-applikazzjoni tal-ligi specjali dwar it-taxxa ma tistax tigi insulata mil-ligi civili ordinarja, huwa ugwalment veru li meta d-disposizzjoni tal-ligi specjali hi cara, jew insomma l-Qorti tkun tal-fehma li dik id-disposizzjoni ghandha jkollha certa interpretazzjoni, l-Qorti ma tistax tiddeklina milli tapplikaha ghalkemm jista’ jkun jidher li hemm jew li jista’ jkun hemm konflitt ma’ l-ordinament taht il-ligi generali” – “**A.B. –vs- Joseph Mifsud Bonnici bhala Kummissarju tat-Taxxi Nterni** (Kaz numru 63), Appell, 20 ta’ Awissu 1967.

Premessi dawn il-konsiderazzjonijiet ta’ dritt, il-Qorti ssib li ma ghandu l-ebda effikacja l-argoment tas-socjeta` appellanti illi ghax il-kwestjonijiet bejn il-partijiet gew saldati fil-mument tat-terminazzjoni ergo hi ma kien baqala’ l-ebda obbligu tal-versament tat-taxxa ‘de quo’. Dik l-istess obbligazzjoni kienet gja twieldet qabel it-terminazzjoni una volta l-ligi kienet tahseb ghal dan b’mod retro-attiv bir-riferenza li taghmel ghall-perijodu specifiku fl-istess Skeda dettaljat.

Huwa fatt li hadd ma jista’ jichad lil-legislatur il-poter li jillegisla anke b’mod retroattiv sakemm il-ligi jew regolament johorgu mill-organu kompetenti u bil-formalitajiet li jmisshom. Lanqas ukoll ma jista’ jigi michud illi bhal kull ligi ohra l-Qrati huma tenuti li japplikawhom. Dan pero` fil-parametri tal-kontrattazzjonijiet li jkunu saru u bl-applikazzjoni ta’ dawk ir-regoli ta’ l-ermenewtika kontrattwali riferibilment ghall-effetti tal-kuntratti, senjatament l-artikoli 1002 sa 1011 tal-Kodici Civili.

Huwa fatt ukoll f’dan il-kaz illi fil-mument tal-kuntratt li holoq ir-rapport guridiku bejn il-kontendenti ma kien hemm l-ebda imposizzjoni ta’ taxxa bhal dik in diskussjoni li

dahlet aktar tard.  B’danakollu l-kuntratt innifsu kien jahseb ghal din is-sitwazzjoni u allura ma jistax jinghad illi l-ligi li ntroduciet it-taxxa ma kellha l-effikacja fuq dak l-istess rapport guridiku gjaladarba hu konoxxut lil dik l-istess ligi l-effett retroattiv taghha.  F’dan il-kuntest ir-retroattivita` ghandha natura reali fis-sens li topera ‘ipso jure’ bis-sahha tal-istess ligi u ghandha effett ‘erga omnes’.

Ghall-istess motivi s-sottomissjoni l-ohra tas-socjeta` appellanti dwar l-effetti naxxenti mill-bejgh tal-vettura lanqas ma tista’ tigi sorretta.  Dan anke ghaliex kif sewwa irreplikat is-socjeta` appellata fir-risposta taghha l-bejgh tal-vettura ma kienx ‘per se’ u ghal dan il-fatt jinnewtralizza d-dritt taghha li tirkupra t-taxxa minnha mhallsa, liema hlas ta’ taxxa kien inekwivokabilment inkombenti skond l-istess termini tal-ligi “minn min ikun kera” l-vettura.  Din l-intenzjoni hekk cara dezunta mil-ligi ma taghtix lok, fil-verita`, ghal ricerka ta’ xi intenzjoni diversa meta s-sens litterali tal-kliem jikkorrispondi ghall-unika intenzjoni possibbli, attinenti ghall-volonta` tal-legislatur.

Ghall-motivi suesposti din il-Qorti tirrespingi l-appell interpost kontra d-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti li invece qed tigi konfermata, bl-ispejjez anke ta’ din l-istanza jithallsu mis-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------